

Brussell, 9 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11993/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0238(NLE)

ECOFIN 829
FIN 887
UEM 213

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 – Adozzjoni

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹ (minn hawn 'il quddiem - "Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw, jew huma mhedda serjament minn, tfixkil ekonomiku serju, ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u lil dawh li jaħdmu għal rashom u, bħala element anċillari, xi miżuri relatati mas-saħħa.
2. F'konformità mal-Artikolu 6 (1) tar-Regolament SURE, l-assistenza finanzjarja għandha ssir disponibbli permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottata abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.
3. Appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE ingħata lill-Bulgarija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343 fil-25 ta' Settembru 2020².

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1–7

² ĠU L 314, 29.9.2020, p. 10–12

4. Wara t-talba tal-Bulgarija tat-23 ta' Mejju 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fil-25 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni UE 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika tal-Bulgarija (ST 11933/22).
4. Il-proposta msemmija hawn fuq ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji fil-5 ta' Settembru 2022 u ġiet sussegwentement riveduta mill-ġuristi lingwisti.
5. Il-ħidma preparatorja teknika issa tista' titqies kompluta, u l-abbozz ta' test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jista' jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-adozzjoni formali.
6. Għandu jiġi nnotat li f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE u mal-Artikolu 18(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, din id-deċiżjoni tal-Kunsill, ladarba tiġi adottata, għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru li lilu hija indirizzata mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jew minn Direttur Ġenerali li jaġixxi f'ismu.
7. Skont l-Artikolu 122(2) TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-President tal-Kunsill dwar din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu rigward it-test u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex ittaffi r-riskji ta' qgħad f'emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, kif tinsab fid-dokument ST 11991/22, rivedut mill-ġuristi lingwisti.